# DECIZJONI NUMRU 2316

**Kaz Numru 3190/CC**

**Fil-kwistjoni tax-xoghol**

**bejn**

**Elvira Stoyanova-Nenkova**

**u**

**Agricultural Co-operative Limited**

**dwar tkeccija mill-impjieg allegata ngusta**

**<u>Chairperson : Is-Sur Charles Cassar M.B.A.(Exec.), Dip.Lab.Stud., Cert.Mediator (UK)</u>**

**Nhar l-Erbgha 22 t'Ottubru, 2014**

- **Introduzzjoni**

Dan il-kaz gie riferut lit-Tribunal Industrjali permezz ta' nota pprezentata mill-Appellanti Elvira Stoyonova-Nenkova fir-Registru tal-Qrati Superjuri nhar it-30 ta' Jannar, 2014, fejn sostniet li t-terminazzjoni tal-impieg taghha ma kienetx minhabba '*redundancy*' u ghaldaqstant ma kienetx gusta. Is-Socjeta' ntimata min-naha l-ohra sostniet li t-terminazzjoni mill-impieg saret ghal raguni tajba u sufficjenti skond il-ligi.

It-Tribunal ha konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-kaz kif prezentati miz-zewg partijiet, zamm tmien (8) seduti fejn sema' x-xhieda mressqa miz-zewg nahat, evalwa l-provi u d-dokumenti kollha kif esebiti, kif ukoll ha 'in konsiderazzjoni' l-argumenti kif ipprezentati fit-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri.

Ma kienx possibbli li t-Tribunal jiddeciedi dan il-kaz fiz-zmien xahar kif stabbilit mill-ligi minhabba limitazzjonijiet ta' facilitajiet amministrattivi.

- **Rapprezentanza**

Elvira Stoyonova-Nenkova li minn issa l-quddiem ser tissejjah l-Appellanti kellha l-assistenza ta' Dr. Jason Grima.

Agricultural Co-Operative Ltd., li minn issa l-quddiem ser tissejjah is-Socjeta' ntimata kienet irraprezentata minn Carmel Sciortino assistit minn Dr. Jan-Karl Farrugia.

- **Fatti fil-qosor tal-kaz**

L-Appellanti kienet giet impjegata bhala *Company Accountant* mas-Socjeta' ntimata fl-1 t'Awwissu, 2012, fuq kuntratt indefinit.

Is-Socjeta' ntimata tghid li temmet l-impjieg tal-Appellanti 'a bazi' ta' *redundancy* nhar it-12 ta' Novembru, 2013, bil-kumpanija ssostni li din kienet fil-qafas ta' mizuri ohra mehuda fic-cirkustanzi ekonomici li kienet fihom is-Socjeta'. Min-naha tal-Appellanti kien qed jigi sostnut li dan sar sabiex tigi mpjegata l-Awditrici tas-Socjeta' minflokha.

Id-doveri tal-Appellanti gew mghoddija lil zewg impjegati ohra fis-sezzjoni tal-*Accounts.*

- **Gabra fil-qosor tax-xhieda**

**Carmel Sciortino** xehed li huwa l-President tas-Socjeta' ntimata u dan sa minn 2013 u li l-Appellanti kienet diga' mpjegata hemmhekk qabel huwa kien involut mas-Socjeta'. Fil-waqt li pprezenta kopja originali tal-kuntratt li permezz tieghu kienet giet impjegata l-appellanti, x-xhud qal li fil-kuntratt hemm imnizzel li hija giet impjegata bhala *Agricultural Economist* izda fil-fatt kienet taghmel id-doveri ta' *Company Accountant.*
Ix-xhud ghadda biex jispjega kif jahdem il-kumitat tas-Socjeta', fejn spjega li dan jiltaqa tal-anqas darba fix-xahar u kwazi kull darba jigi diskuss il-*Profit & Loss Account.*
Ix-xhud spjega li f'dawn l-ahhar hames snin is-Socjeta' kienet qed topera bit-telf, fejn b'mod partikolari irrefera ghas-sena 2010-11 fejn it-telf kien ta' €130,000. Qal li s-sena l-ohra kien gie deciz li jittiehdu passi drastici. Fost ir-ragunijiiet ghat-telf ix-xhud qal li l-pagi imhallasa kienu naqra *above average* u wkoll ghaliex tfaccaw kompetituri hafna minnhom *family run.*

Kompla li matul l-2013 kienu waqqfu sitta jew seba' mpjegati minn hmistax.
Ix-xhud spjega li meta saret l-applikazzjoni ghall-licenzja ta' xoghol mall-ETC peress li l-Appellanti kienet barranija, din kienet saret ghall-*employment licence* bhala *Agriculture Economist.*
Ix-xhud qal li meta kienet tittiehed decizjoni li jitwaqqfu xi mpjegati din kienet tkun imnizzla fil-minuti tal-laqgha partikolari. Qal li l-posizzjoni

tal-Appellanti giet diskussa diversi drabi pero' d-decizjoni finali giet posposta diversi drabi ukoll.
Dwar id-decizjoni fir-rigward tal-Appellanti x-xhud stqarr li din ittiehdet wara li x-xoghol li kienet taghmel hi naqas sew u li wara t-tluq taghha x-xoghol li kienet taghmel tqassam fuq zewg impjegati ohra, li huma Moira Sciberras u Roderick Vella.
Ix-xhud wara ghadda sabiex jispjega kif kienet issir talba ghall l-*extension* tal-*work permit* tal-Appellanti mall-ETC. Qal li l-ahhar talba kienet saret ftit qabel ittiehdet id-decizjoni li titwaqqaf mix-xoghol u li din kienet saret ghaliex kien qed jahseb li jekk jingiebilha l-permess hija xorta setghet tibqa' tahdem Malta anke jekk mhux maghhom.
Dwar il-kuntratt tax-xoghol tal-Appellanti, x-xhud qal li dan kien gie ffirmat mill-President tas-Socjeta' li dak iz-zmien kien John Sciro' u jahseb li kien iffirmah ukoll il-*manager* Ray Attard. Qal li dak iz-zmien huwa kien is-segretarju tas-Socjeta'.
Ix-xhud qal li prezentament l-Awditur tal-kumpanija hija Marisa Attard Sciortino.
Qal li huma mpjegaw lill-Appellanti minkejja li s-Socjeta' kienet ghaddejja minn zmien hazin, u dan bl-isperanza li l-affarijiet jirrangaw ghal ahjar. Stqarr li d-decizjoni li titwaqqaf mix-xoghol ittiehdet mill-kumitat tas-Socjeta' presedut minnu.
Ix-xhud cahad kategorikament li xi darba qal lill-Appellanti xi diskors li seta' jinftiehem li Alfred Sciortino ried li bintu Marisa tidhol tahdem mas-Socjeta' minflokha.

**Marisa Attard Sciortino** xehdet li hija l-Awditrici tas-Socjeta' ntimata u li hija t-tifla ta' wiehed mill-membri tal-Kumitat Alfred Sciortino. Qalet li hija *Registered Auditor*. Spjegat ir-relazzjoni tax-xoghol taghha mas-socjeta' fejn fost affarijiet ohra taghtija anke pariri fuq is-sitwazzjoni finanzjarja fir-rigward ta' assi u fuq l-*accounts*. Ix-xhud stqarret li f'dawn l-ahhar snin is-Socjeta' kienet qed taghmel telf sena wara sena, fejn ipprezentat *accounts* ta' l-ahhar tlett snin.

Xehdet li taf li s-Socjeta' hadet mizuri sabiex tindirizza tali telf, fosthom tnaqqis fis-salarji u tnaqqis ta' mpjegati. Stqarret li minkejja dan, l-istat attwali mhuwiex wiehed ta' qliegh. Kompliet li hija taf lill-Appellanti bhala li kienet taghmel il-*management accounts, day to day book-keeping* u ticcekkja x-xoghol ta' Moira u Roderick. Ix-xhud qalet li hija kellha kuntatti maghha sabiex hija bhala awditrici taghmel l-*audited accounts*.
Qalet li malli saret taf li l-Appellanti kienet ser tispicca mix-xoghol hija marret tara x'inhi s-sitwazzjoni u talbitha certa nformazzjoni sabiex tkun

tista' tikkonduci l-*audit accounts* tal-2013. Ix-xhud qalet li x-xoghol ta' *book-keeping* li kienet taghmel l-Appellanti qeghdin jaghmluh Moira u Roderick u dan fil-kariga ta' *Accounts Clerks*. Fejn persuna minnhom hija *full-time* u l-ohra *part-time*. Ix-xhud qalet illi taf li l-impjieg tal-Appellanti gie mitmum minhabba *redundancy,* fejn timmagina li sar hekk sabiex jitnaqqsu l-ispejjez. Hija stqarret li mhiex taghmel xi xoghol li qabel kienet taghmlu l-Appellanti propju ghaliex hija m'hiex impjegata mas-Socjeta' ntimata.

**Roderick Vella** xehed li huwa mpjegat mas-socjeta' ntimata bhala Segretarju Amministrattiv fejn ilu f'din il-kariga ghal 5 snin u nofs. Spjega x-xoghol li jaghmel hu zdiedlu meta waqfet mix-xoghol l-Appellanti. Fejn qal li parti ohra minn xoghlha nghata wkoll lil Moira Sciberras, li kienet ilha tahdem maghhom xi ftit aktar minn sena. Qal li l-Appellanti kienet taghmel *supervision* fuqhom u gieli anke kienet tattendi *Board meetings*.

**Marco Micallef** xehed li huwa Vici-president tas-Socjeta' ntimata, kariga li ilu jokkupa ghal dawn l-ahhar sentejn. Qal li t-terminazzjonmi ta' l-Appellanti saret bhala mizura sabiex jigu ffrankati l-ispejjez u din sehhet flimkien ma' terminazzjoni ta' xi tmien impjegati ohra aktar qabel. Spjega li l-Appellanti gieli kienet tattendi laqghat tal-Board fejn kienet tispjega affarijiet konnessi mall-finanzi u li xoghlha issa kien qieghed isir minn Roderick u Moira li tahdem *part-time*. Qal li minn meta spiccat l-Appellanti ma gewx impjegati nies ohra. Qal li l-Appellanti gieli kienet taghti pariri lill-Bord dwar kif jistghu jigu mnaqqsa l-ispejjez, bhal li jitnaqqsu n-nies. Qal li huwa kien prezenti fil-kumitat meta ttiehdet id-decizjoni li l-impjieg tal-Appellanti jigi mitmum u li din ittiehdet sabiex tonqos l-ispiza tal-pagi. Qal is-sena l-ohra is-Socjeta' ghamlet telf ta madwar €100,000.

**Elvira Stoyanova Nenkova** bdiet ix-xhieda taghha billi qalet li f'Mejju 2011 hija kienet ingaggata mas-Socjeta' ntimata bhala *Accounts Executive* fuq bazi ta' *self employed*. Wara t-tluq mill-impjieg tal-*Financial Controller* hija kienet giet impjegata minn floku bhala *Accountant* fuq bazi *full-time* b'kuntratt indefinit.
Wara x-xhud ghaddiet sabiex taghti spjegazzjoni dettaljata tad-doveri li kienet taghmel f'dik il-kariga. Spjegat li matul iz-zmien hija introduciet diversi mizuri ta' kontroll, intenzjonati sabiex inaqssu certu spejjez. Kompliet li meta f'Marzu 2013 kien irrizenja mix-xoghol il-*General Manager* hija kienet inghatat d-doveri shah f'dik li hi amministrazzjoni.
Ix-xhud ghaddiet sabiex tistqarr li Carmel Sciortino ghal habtiet ta' Settembru/Ottubru 2013 kien qalilha aktar minn darba, li Alfred Sciortino

ried li bintu Marisa tahdem minn flokha. Ix-xhud qalet li din l-ahbar ikkonfonditha peress li din Marisa Sciortino kienet l-Awditrici tas-Socjeta' u ghaldaqstant ma setghetx tahdem bhala l-*Financial Controller*.
Ix-xhud kompliet tispjega li xi gimghatejn qabel spiccat mix-xoghol, fuq struzzjonijiet tas-Segretarju tal-Bord John Sciberras hija kienet tat *hand-over* tax-xoghol lil Marisa Sciortino. Hija qalet li din Marisa kienet qaltilha li hija kienet qed tnaqqas is-sieghat tax-xoghol minn fejn kienet tahdem sabiex izzid is-sieghat mas-Socjeta' ntimata.
Qalet li dan it-tmiem tax-xoghol taghha affettwa hazin hafna kemm mil-lat finanzjarju peress li hija kellha *loan* mall-bank u anke kellha effett hazin fuq sahhitha.

**Joseeph Saliba** bhala rapprezentant tal-ETCipprezenta lista l-aktar recenti tal-impjegati li hemm fuq il-kotba tas-Socjeta' ntimata u ta spjega tal-kontenut.

- **Sintesi tat-trattazzjonijiet tal-kaz**

**Dr. Jason Grima** ghan-nom tal-Appellanti beda t-trattazzjoni tieghu billi ddeskriva bhal kontradittorju dak li kien gie komunikat lill-Appellanti fit-*termination letter* taghha u cjoe illi hija ser jintemmilha l-impjieg ghaliex ix-xoghol taghha kien ser jigi mghaqqqad mad-doveri tal-Awditura meta mqabbel ma' dak li ntqal minn diversi xhieda li x-xoghol taghha gie mghoddi lil zewg impjegati ohra. Dr. Grima sostna li anke jekk fil-fatt l-impjieg tal-Appellanti sar ghaliex is-Socjeta' ntimata kienet qieghda titlef il-flus, il-fatt li x-xoghol taghha gie mghoddi lil zewg impjegati ohra ma kienx jiggustifika t-terminazzjoni taghha.

Dr. Grima sahaq illi ma jarax gustifikazzjoni fir-raguni moghtija mis-Socjeta' illi t-temm tal-impjieg tal-Appellanti sar minhabba telf, u dan meta fl-istess xenarju ta' telf kienet giet impjegata l-Appellanti u kien anke ntalab tigdid tal-*work permit* taghha, anke jekk fix-xhieda tieghu l-President tas-Socjeta' qal li dan it-tigdid kien intalab sabiex hi tkun tista tahdem band'ohra.
Dr. Grima fisser kif anke fl-esebizzjoni tal-kuntratt tax-xoghol tal-Appellanti ntweriet inkonsistenza mis-Socjeta' u dan ghaliex l-Appellanti ipprezentat kuntratt u s-Socjeta iehor biex imbaghad f'seduta wara s-Socjeta esebit kuntratt bhal tal-Appellanti.
Dr. Grima fisser ukoll bhala nuqqas ta' kredibilita l-fatt li fil-bidu l-Appellanti kienet taghmel xoghol ta' *accountant* u wara zdiedulha d-doveri ta' *supervision*.

Dr. Grima semma wkoll il-fatt li waqt ix-xhieda tieghu l-President tas-Socjeta qal li t-terminazzjoni tal-Appellanti gieli giet diskussa fil-Bord pero' qatt ma pprezenta minuti sabiex jissostanzjaw dan.

**Dr. Jan-Karl Farrugia** ghan-nom tas-Socjeta' ntimata beda bit-trattazzjoni billi qal li t-tezi tal-Appellanti hija bbazata fuq zewg asserzjonijiet. Wahda li l-ittra tat-terminazzjoni tghid li t-temm tal-impjieg ser isehh ghaliex ix-xoghol ta' l-Appellanti ser jigu mghaqqad mad-doveri tal-Awditura u l-ohra l-i storja li Carmel Sciortino gieli qal lill-Appellanti li minn flokha kienet ser tigi mpjegata Marisa Sciortino l-Awditura.
Dwar t-tieni asserzjoni, Dr. Farrugia qal li mix-xhieda hareg car li Ms. Sciortino m'hiex konversanti mas-*software* tas-*sage* u programmi ohra tal-kompjuter uzati fix-xoghol tal-*accounts*. Qal li hija kkwalifikata ferm ghola biex taghmel xoghol ta' *accounts* meta hija awditrici. Sahaq li Ms. Scortino kienet titkellem ma' l-Appellanti lejn tmiem ix-xoghol taghha sabiex tispjegala xi affarijiet konnessi ma' l-*audited accounts* li hija kellha taghmel aktar il-quddiem u sabiex fl-assenza taghha (l-Appellanti) ma jkunx hemm problemi sabiex tali *accounts* isiru.
Dr. Farrugia qal dan fil-waqt li fakkar kif kienet l-istess Sciortino li spjegat l-*audited accounts* li kienu juru t-telf li kienet qed taghmel is-Socjeta'. L-Avukat semma kif l-ahhar sena u nofs spiccaw circa tmienja minn nies, fosthom persuni li rrezenjaw minn jheddhom sabiex sabu xoghol iehor minflok qaghdu jistennew li jigu ssensjati. Dr. Farrugia ghalaq dan l-argument billi qal din Marisa l-awditrici l-anqas biss hija mpjegata tas-Socjeta', izda hija professjonista *freelancer* li toffri s-servizzi taghha.
Dr. Farrugia temm billi ghamel referenza ghall-korrispondenza li kienet saret f'Dicembru, 2013, fejn giet spjegata r-*redundancy* tal-Appellanti.

- **Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal**

Spiss jigri li f'kazi ta' allegat *redundancy*, jitqajjmu dubji dwar jekk tali mizura kienetx wahda genwina jew xi kopertura ghal ragunijiet ohra kif qed jigi sostnut f'dan il-kaz min-naha tal-Appellanti.

Fil-kaz ittrattat, gie spjegat kif naqas ix-xoghol, gie rregistrat telf finanzjarju b'mod konsistenti fl-ahhar snin u ntemmu numru ta' mpjiegi fosthom tal-Appellanti li kienet l-*Accountant* u fejn id-doveri taghha bdew jaghmluhom impjegati ohra fi grad inferjuri ta' *Accounts Clerk.*

Is-Socjeta' ntimata hadet certi mizuri biex issahhah u thares sija l-kapital socjetarju, l-istess investiment tas-socji u anke l-post tax-xoghol tal-kumplament tal-haddiema.

It-Tribunal jikkonoxxi li process ta' sensji f'cirkostanzi simili umanament iwegga' konsiderevolment u jikkreja simpatija ma' min igarrab *'redundancy'*.

Minn dak li gie sponut waqt dan il-process, it-Tribunal ma jirrizultalux li kien hemm xi pjan malinn appositament mahsub sabiex l-Appellanti titnehha mix-xoghol taghha u di piu ma jirrizultalux l-anqas li wara t-tluq taghha kienet impjegata xi persuna ohra sabiex taghmel ix-xoghol fil-grad li kienet tokkupa hi.

- **Decizjoni**

Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz kif gie espost f'dan il-process, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi li t-terminazzjoni tal-impieg tal-Appellanti kienet wahda gustifikata fic-cirkostanzi.

Ghall-finijiet ta' Avviz Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal jistabbilixxi d-drittijiet ta' minn assista l-partijiet fl-ammont ta' €93.17.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

(Iffirmat)
**Charles Cassar**
**Chairman**

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**